MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 117

**It-Tnejn 24 ta' Ġunju 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Marija Sara Vella Gafà – Sindku
Marija Micallef – Viċi Sindku
Angelo Agius - Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Audrey Amri Brincat – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

NIL

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

117.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

117.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

117.3 Tmiem tal-laqgħa tal-Kunsill f' din it-tmien (8) leġislatura.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Marija Sara Vella Gafa ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 117.01 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

### 117.02 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva l-minuti nru 116/08 nem con.

Is-Sindku rringrazzjat lill-Kunsilliera kollha li għamlu parti minn din il-leġislatura. Is-Sindku kompliet tgħid li għalkemm mhux ser tibqa' tagħmel parti mill-Kunsill, ser tibqa' nvoluta fejn ikun hemm bżonn. Is-Sindku qalet li hija tħossha grata ta' dawn l-aħħar ħames snin fil-Kunsill. Żiedet tgħid li l-Kunsill ħadem fuq bosta proġetti anke jekk forsi kien hemm fejn nqassna milli nfurmajna lir-residenti dwar x'kien qed jiġri. Il-Kunsill dejjem ħadem u qed iħalli legat warajh għall-Kunsill li ġej. Kompliet billi rringrazzjat lill-staff kollu tal-Kunsill tal-ħidma tiegħu. Konkludiet billi qalet li dejjem xtaqet li jkun hemm l-għaqda fir-raħal anke jekk b'ħafna differenzi li hawn fir-raħal u li l-Kunsill dejjem ra li jinvolvi kull għaqda f'dak kollu li għamel matul din il-leġislatura. Is-Sinjura Vella Gafa għalqet billi fakkret il-memorja tas-Sur Mario Calleja, ex Sindku u Viċi Sindku.

Il-Kunsilliera A. Amri Brincat irringrazzjak lill-sħaba Kunsilliera li ħadmet magħhom matul dawn is-sentejn li ilha tokkupa l-kariga ta' kunsilliera. Żiedet tgħid li ser tibqa' taħdem xorta għal ġid tal-Gudja. Il-Kunsillier A.Agius irringrazzja lill kulħadd u qal li għalkemm kien perjodu qasir li kien jagħmel parti mill-Kunsill, xorta ħassu milqugħ. Is-Sur Agius qal li huwa ser ikompli jaħdem u jagħti sehmu fejn hemm bżonn lill-Kunsill u lill-komunita' Gudjana. Il-Kunsillier S.Caruana rringrazzja wkoll lil kulħadd u qal li bħal ma għamel f'din il-leġislatura ser ikompli jaħdem anke fil-leġislatura li jmiss għal ġid tal-komunita' Gudajna. Is-Sur Caruana fakkar il-memorja tas-Sur Calleja, li kien Viċi Sindku. Il-Kunsilliera M. Micallef irringrazzjat lill-kunsilliera l-oħra u żiedet tgħid li ser tkompli taħdem għal lokalita.

**117.03 Tmiem tal-laqgħa** f' din it-tmien (8) leġislatura.

Il-Laqgħa ntemmet fis-sitta u kwart ta' filgħaxija (6:15pm).

B'hekk ġiet fi tmiemha din it-tmien (8) leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Gudja.

Konfermati, illum 24 ta' Ġunju 2024

ffirmati
Dr. Marija Sara Vella Gafà
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv